MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 37/2004/1

**Joseph Spiteri (ID 566243M)**

**vs**

**Frank Farrugia (ID 337950M)**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Gunju, 2006, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz opprezentata mill-attur fit-22 ta' Jannar 2004 fejn talab lil din il-Qorti li prevja dikjarazzjoni illi l-konvenut kien responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attur wara ntervent tieghu waqt ix-xandira tal-programm "Minibus" fuq l-istazzjon *Smash Television* nhar it-8 ta' Jannar 2004 (traskrizzjoni annessa u mmarkata bhala Dok. JS1) stante li l-istess intervent huwa malafamanti,

libelluz u jirraprezenta fatti inveritieri u ghalhekk intiz sabiex itellef jew inaqqas ir-reputazzjoni ta’ l-istess attur, kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti ai terminita’ l-Artikolu 28 ta’ l-Att dwar ta’ lIstampa (Kap. 248 tal-Ligijiet ta. Malta).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest gudizzjarju ta’ l-10 ta’ Jannar, 2004 u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Frank Farrugia fejn eccepixxa:

1. Illi, l-estratt tad-diskors in kwistjoni ma huwiex libelluz fil-konfront ta’ l-attur partikolarment meta jigu meqjusa fil-kuntest kollu tad-diskors intier u mhux mehud kif inhu wahdu ;
2. Illi minghajr pregudizzju ghal premess jigi eccpit ulterjorament il-verita’ tal-fatti partikolarment kif maghrufa lill-eccipjenti fiz-zmien meta ntaqal l-imsemmi diskors meritu ta’ din il-kawza ;
3. Illi jigi eccepit ulterjorament li l-kummenti hemm maghmula mill-eccipjenti jammontaw ghal "fair comment" maghmula in buona fede dwar fatti u cirkostanzi li kienu zvolgew sa dak in-nhar fuq is-suggett meritu ta’ l-imsemmija diskussjoni ;
4. B’riserva li jigu pprezentati eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Bl-ispejjez kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija konsegwenza ta’ dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut waqt programm bl-isem ta’ "Minibus" li xxandar fuq Smash Television fit-8 ta’ Jannar, 2004 fejn

allega rregolaritajiet fl-ghoti tal-kuntratt lis-socjeta’ INSO ghax-xiri ta’ apparat mediku ghall-isptar gdid "Mater Dei".

Inghad mill-bidu nett illi mhuwiex il-kompitu ta’ din il-Qorti f’din il-kawza illi tissindika l-process ta’ l-ghoti tal-kuntratt, izda ghandha tillimita ruhha biss fuq id-dikjarazzjoni li ghamel il-konvenut u safejn din hija libelluza fil-konfront tal-attur.

Ikkunsidrat:

Illi l-paragarafu oggezzjonabbli huwa dak illi jidher a fol. 2 tal-process [Dok JS 1], fejn fit-tieni paragrafu l-konvenut qal. "Skond dokument illi l-Ministru Dalli ta fil-press conference tieghu, iltaqa’ l-Kumitat tal-Kuntratti. Mhu veru xejn dan. Kulma iffirmah id-dokument huwa s-Sur Spiteri u s-segretarju tieghu. Dan wahdu ddecieda li jdahhal lil INSO fit-tellieqa f’daqqa wahda minghajr ma hemm xejn fl-appell u … ."

Aktar l-isfel il-konvenut ghamilha cara illi fejn qed isemmi lis-Sur Spiteri qed isemmi lill-attur fil-kwalita’ tieghu ta’ Direttur tal-Kuntratti prezenti.

Irrizulta illi x-xandira in kwistjoni li saret fit-8 ta’ Jannar, 2004 kienet konsegwenza ta’ konferenza stampa illi nghatat mill-Ministru John Dalli fil-31 ta’ Dicembru, 2003 fejn dakinhar il-ministru qassam dokument lill-istampa minfejn huwa kien approva l-ghoti tal-kuntratt lis-socjeta’ INSO fuq rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Kuntratti. Dan id-dokument kien kopja tal-minuti ta’ rakkomandazzjoni li ghamel il-Bord u li kien fiha l-firma tas-Sur Spiteri bhala Direttur tal-Kuntratti u tas-Sur Borg bhala segretarju. L-ispazju fejn suppost kellu jiffirma l-ministru kien vojt. Sussegwentement irrizulta, anki a sodisfazzjon ta’ din il-Qorti, illi l-laqgha tal-Bord tal-Kuntratti kienet saret fis-26 ta’ Dicembru 2003 fis-saghtejn u nofs ta’ wara nofs inhar (14 :30) u ghaliha kienu attendew il-membri kollha tal-Bord.

Ghalhekk, fl-isfond ta’ dawn il-fatti kif irrizultaw fil-kawza, jidher illi d-dikjarazzjoni tal-konvenut kif maghmula f’dik ix-

xandira tat-8 ta' Jannar, 2004 kienet wahda falza u mhuwiex veru li l-attur wahdu ha xi decizjonijiet li affettwa b'xi mod l-ghoti tal-kuntratt. Din id-decizjoni kienet wahda kollettiva tal-membri kollha, izda bhala Direttur huwa kien obbligat li jnizzel il-firma tieghu minghajr il-htiega illi jiffirmaw ukoll il-memebri l-ohra.

Pero' l-Qorti trid tikkunsidra d-dikjarazzjoni tal-konvenut fl-isfond tal-fatti illi huwa kellu quddiemu, jew seta' jkollu quddiemu, dak inhar li ghamel id-dikjarazzjoni.

Ikkunsidrat:

Il-qrati taghna dejjem sostnew illi ma jistax ikun hemm 'fair comment' jekk dawn ma jkunux ibbazati fuq fatti illi jkunu sostanzjalment korretti [ara decizjoni moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-31 ta' Mejju, 2002 fl-ismijiet "Onor. Alfred sive Freddie Micallef vs Victor Camilleri" u Appell "Dr Louis Buhagiar vs Saviour Balzan" deciz fil-11 ta' Jannar, 2006.]. Barra minn hekk, hija wkoll responsabbilta ta' editur jew min ikun qed jaghmel dikjarazzjoni illi dan jivverifika l-veracita' ta' dak li jkun qed jghid, jekk dikjarazzjoni tieghu tkun ser taghmel xi hsara lil xi azjenda jew lil xi persuna [ara Qorti ta' l-Appell "Paolo Bonnici Limited vs Anthony Montanaro" deciza fis-26 ta' Mejju, 1992.]

Fl-isfond ta' dan it-taghlim ma hemmx dubju li l-allegazzjoni tal-konvenut fil-konfront ta' l-attur kien wiehed zbaljat u seta' ghamillu l-hsara. Pero' dan il-kumment kien bazat fuq fatti illi l-konvenut kellu quddiemu dak il-hin li kien qed jidher quddiem it-Television, fejn gew mitluba kummenti tieghu. Il-konvenut dakinhar kellu biss il-kopja tal-minuti li kien qassam il-Ministru Dalli lill-gurnalisti, liema kopja lanqas ma kien fiha l-firma ta' l-istess ministru. Terga u tghid ic-cirkostanzi tal-konferenza stampa, id-dati tal-laqgha tal-Bord tad-Diretturi kollha jiggeneraw suspetti illi gieghlu lill-konvenut jagixxi bil-mod li agixxa.

L-ewwel nett il-laqgha tal-Bord tal-Kuntratti saret verament f'data nsolita fejn normalment fis-26 ta' Dicembru, wiehed ikun migbur ghal xi vaganzi mall-familja u mhux jiltaqa'

f'laqghat illi jistghu jaffettwaw somom kbar ta' flus lil ditta jew lil ohra.  L-istess il-konferenza stampa fil-31 ta' Dicembru, 2003, lejlet is-sena gdida, fejn normalment in-nies ikunu mohhom f'hag'ohra.

Ghalhekk, bejn id-data tal-konferenza stampa, 31 ta' Dicembru u d-data tax-xandira, l-Qorti tista' tifhem li l-konvenut ma kellux zmien bizejjed sabiex huwa jivverifika l-fatti illi gew imqeghda quddiemu, liema fatti sa dak l-istat, ma kellux ghalfejn jiddubita ladarba tpoggew quddiemu minn ministru tal-Gvern stess.

Fil-kontro ezami tieghu l-konvenut jghid fost affarijiet ohra, "Illum, naqbel illi fil-fatt kont zbaljat ghax mill-provi li gew prodotti f'din il-kawza rrizulta illi vera saret il-laqgha, pero' trid tara s-sitwazzjoni kif kienet dak inhar illi kont quddiem it-television.  Ma kellix dawn il-provi.  Jiena kelli biss dak id-dokument u ghalhekk tkellimt kif tkellimt."  Dwar ricerka illi seta jaghmel, il-konvenut wiegeb illi huwa ma kienx f'posizzjoni illi jaghmel ir-ricerka, stante z-zmien qasir bejn il-konferenza stampa u x-xandira.  Jghid, "L-informazzjoni illi kelli kien biss dak id-dokument li pprezenta l-Ministru Dalli u dak illi inghad fil-gazzetti."  Veru, li wiehed jista' jargumenta illi l-konvenut imissu ma qal xejn qabel ma vverifika l-fatti.

Il-Qorti tirrileva illi l-konvenut f'dak l-istadju kien gustifikat jikkummenta kif ghamel.  Ma kellux raguni ghaliex jiddubita minn dokument illi pprezenta ministru tal-Gvern, minn liema dokument kien jidher li saret decizjoni illi tiffavurixxi kumpanija u mhux ohra fuq il-firma ta' l-attur u tas-sur Borg biss.  Li kieku l-konvenut ried jivverifika anki ma' l-istess attur dwar dak li ntqal fil-minuti, dan ma setax jaghmlu ghax skond l-attur dan siefer ftit granet wara l-laqgha tas-26 ta' Dicembru, 2003 u ma kienx prezenti ghall-konferenza stampa illi ghamel il-ministru.

Ghalhekk, meta l-Qorti tqies id-data nsolita tal-laqgha tal-Bord tal-Kuntratti, b'laqgha msejjha minn filghodu ghal wara nofs inhar, id-data wkoll insolita tal-konferenza stampa, d-dokument mhux komplet rilaxxat mill-ministru ghall-istampa, allura bir-ragun il-konvenut hassu rrabjat

meta skond il-fatti illi kellu quddiemu deher illi huwa gie ngustament imcahhad minn opportunita illi jibbenefika mill-kuntratt ghal ghoti tal-makkinarju ta' l-iSptar Gdid fuq firma ta' zewg persuni biss, wahda minnhom ta' l-attur.

Ghalhekk, dawn ic-cirkostanzi u dokument li gie mqqassam lill-istampa, jgieghel osservatur ordinarju illi jghajjat, "Foul!!" u din hija proprju r-reazzjoni tal-konvenut meta gie nfaccat b'dawn il-fatti.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha, illi mehud kollox in konsiderazzjoni, il-konvenut kien gustifikat jaghmel il-kummenti illi ghamel fl-isfond tal-fatti illi kellu quddiemu dakinhar illi kien qieghed jaghmel il-kummenti tieghu fuq it-television. Bhalma nghad ukoll, il-konvenut ma kienx f'posizzjoni illi jivverifika l-fatti illi kellu peress anki kieku ried, kien gustifikat jemminhom ladarba hargu minn fonti ufficjali.

Ghalhekk, il-Qorti jidhrilha illi l-konvenut ghandu ragun illi jeccepixxi 'fair comment' fl-eccezzjonijiet tieghu u dan fl-isfond tal-fatti li huwa kellu quddiemu dakinhar li ghamel il-kumment.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

Minn din is-sentenza appella l-attur li talab ir-revoka taghha. L-aggravji ewlenin tieghu huma dawk li l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni hazina tal-ligi fir-rigward tal-kuncett tal-"*fair comment*" u waslet ukoll ghal konkluzjoni zbaljata li l-konvenut kien in bwona fede meta ghamel dik l-allegazzjoni falza fil-konfront tieghu;

Koncizament, is-sentenza appellata tista' tigi rakkjuza bil-mod segwenti. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut kienet wahda falza u ma tirrispekkjax il-verita gjaladarba ma kienx minnu li l-attur ha xi decizjoni wahdu li affettwa b' xi mod l-ghoti tal-kuntratt. B' danakollu, fl-isfond tal-fatti li kellu

quddiemu, akkoppjat mal-fatt li l-konvenut ma kellux zmien sufficjenti biex jivverifika l-fatti, dik id-dikjarazzjoni tieghu tikkwalifika bhala "*fair comment*";

Bir-rispett dovut hi l-fehma konsiderata ta' dan il-Qorti illi kemm ir-ragonament kif ukoll il-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti ma humiex guridikament sostenibbli;

Hu terren pacifiku in materja ta' libelli illi ghas-sostenn tat-talba tieghu l-attur ma kellux jaghmel haga ohra hlief li jipprova li dak li ntqal jew kummentat fil-konfront tieghu hu malafamanti ghall-unur u r-reputazzjoni tieghu hekk konsiderati dawn bhala valuri li persuna tgawdi fis-socjeta`. Sodisfatta din il-provi, kien imbaghad jaggrava fuq il-konvenut li jikkombattiha bil-mezzi soliti permessi mil-ligi ghall-evitar tal-konsegwenzi dannuzi naxxenti mill-ingurja. *Inter alia*, dawk tal-*fair comment* u tal-verita tal-fatti, it-tnejn avvanzati b' difiza wkoll mill-konvenut f' dan il-kaz;

Dan premess, jinsab ritenut illi l-ghoti tal-kuntratti tal-Gvern jista' jigi liberament kritikat, b' dan, pero`, illi jekk il-kitba jew kumment inkriminant ikun jinsinwa li kien hemm xi haga mhix sewwa fl-ghoti ta' xi kuntratt mill-Gvern lill-kumpanija li tiehu l-kuntratt dik il-kitba jew kumment jitqiesu libelluzi. Ara f' dan is-sens is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "**Hon. Mabel Strickland *nomine* -vs- Joseph James Scorey**", 17 ta' Ottubru 1949. Fiha, incidentalment, gie osservat ukoll illi "*the freedom of the press is certainly one of the most treasured rights of true democracy, but whilst the adjective ‘free’ is always used, the other equally important adjective is sometimes omitted as the press should certainly be free, but it must also be 'responsible'*." Ghadda kemm ghadda zmien din l-enuncjazzjoni tibqa' valevoli, kif manifest minn bosta decizjonijiet ta' dawn l-ahhar snin. Ara b' ezemplari "**Lino Debono -vs- Saviour Balzan**", Appell, 27 ta' April 2001;

Stabbilit dan it-taghlim, hu ovvju fil-kaz prezenti illi l-allegazzjoni tal-konvenut hi ingurjuza ghall-appellanti ghaliex timputalu agir gravi razenti l-kriminuz fejn hu, fuq l-

inizzjattiva tieghu, iffavorixxa, bl-assenjazzjoni tal-kuntratt, lis-socjeta` INSO. *Multo magis*, imbaghad, meta wiehed jikkunsidra l-kariga tieghu ta' fiducja u responsabilita`, *qua* Direttur Generali tal-Kuntratti;

L-appellat jirrikonoxxi li kien zbaljat meta ghadda l-kumment tieghu fix-xandira televiziva. Huwa jtenni pero` li kien zvijjat minn dokument ipprezentat mill-Ministru Dalli waqt konferenza stampa. Dan ghaliex, skond hu, f' dan id-dokument konsistenti minn Minuta tal-laqgha tal-Kumitat tal-Kuntratti, ma kienx jikkontjieni l-lista tal-membri prezenti u lanqas l-firma tal-Ministru u ghalhekk assuma "illi dik il-laqgha ma saretx ghax il-membri ma dehrux" u konsegwentment ukoll wasal ghal konkluzjoni "li s-Sur Spiteri wahdu ddecieda illi jdahhal l-INSO fit-tellieqa". Ara deposizzjoni tieghu in kontro-ezami a fol. 98 *et sequitur*;

Hu ormaj *jus receptum* illi d-difiza tal-"*fair comment*" tippostula, bhala rekwiziti essenzjali taghha li l-fatt kummentat jew narrat ikun veru. Dan fil-kompletezza tieghu. Ara "**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar 1993. Jekk il-fatt li fuqu jkun bazat il-kumment ma jezistix dan il-kumment ma jistax jitqies "*fair*". Ukoll, "jekk il-verita tal-fatti ma tigix pruvata, lanqas biss hemm lok li tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-*fair comment*". (**Kollez. Vol. XLII P IV p 1470; Vol. XLIV P IV p 874**);

Fil-kaz prezenti l-konvenut mhux biss ma gabx ebda prova konkluziva biex jissuffraga l-eccezzjoni tieghu tal-verita tal-konvicju talli *ex confessis* jaccetta li kien zbaljat. Ciononostante l-ewwel Qorti ggustifikat il-kumment minnu maghmul bil-motiv gja espost. Jigifieri li f' dawk id-dati cirkostanzi hu kien gustifikat jahseb dak li erronjament irrizultalu impreciz u mhux korrispondenti ghall-verita;

Fuq din il-materja l-gurisprudenza kopjuza tal-Qrati taghna minn imkien ma ssostni din il-proposizzjoni errata ta' l-ewwel Qorti. *In primis*, jinsab statwit illi "*the defence of fair comment does not extend to cover mis-statements of facts, however bona fide*" (**Kollez. Vol. XXXIX P IV p**

**937**). Lanqas ma hu bizzejjed li min qalhom kien onestament jahseb li huma veri. Intqal a propozitu fuq l-insenjament tad-dottrina Ingliza illi "*this appears to be a very sound doctrine, as otherwise it would be easy to state as a fact that which is not well known or admitted, as proved, and then to make a scathing comment thereon, which would be justified, but only if the facts on which the comment relies were true.*" (**Kollez. Vol. XXXIII P I p 680**);

Haga naturali, il-Qorti tifhem li l-konvenut seta' kien ukoll "irrabjat" ghal mod tas-sekwela ta' kif graw l-affarijiet fl-assenjazzjoni tal-kuntratt. Huwa pero` ma kellu ebda licenzja, lanqas fuq il-bazi tad-dokument li kellu f' idejh u li fuqu kkampa l-kummenti tieghu, illi jghaddi gudizzju ta' dizvalur fir-rigward ta' l-attur u minghajr lanqas biss ma ttanta, diligentement, jirricerka l-fonti u jizen sewwa l-attendibilita` u l-kontenut tad-dokument;

Il-Qorti lanqas ma teskludi illi l-konvenut seta' wkoll genwinament haseb li l-fatti kienu kif ikkummentati minnu. Tali pero` jista', se mai, jittiehed bhala attenwanti fil-mizura tal-likwidazzjoni tad-danni, imma mhux ukoll bhala skriminanti mir-responsabilita` ghall-kummenti li, kif aktar 'il fuq espost, ma kienu jikkontjienu ebda verita` oggettiva. Raggunta din il-konkluzjoni, bl-iskop li tevita r-rimessa lura ta' l-atti, il-Qorti tghaddi biex hi stess fil-provvediment infraskritt tillikwida l-ammont tad-danni.

Ghal dawn il-motivi u fuq il-konsiderazzjonijiet maghmula din il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata. Tiddikjara li l-attur gie malafamat mill-konvenut u konsegwentement tikkundanna lil dan ihallas lill-attur, in linea ta' danni taht il-ligi dwar l-Istampa (Kapitolu 248), is-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500). L-ispejjez gudizzjarji taz-zewg istanzi jitbatew mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------